Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 52**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2023 fl-16.30.

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku - online |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier – online |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Alexander Chetcuti | - | Kunsillier – online |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignuad | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Għal din is-seduta kien hemm preżenti wkoll l-Accountant.

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**I APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2022**

L-Accountant tal-Kunsill spjega li dis-sena finanzjarja għalaqana b' 68k *deficit*. Is-Sindku rrimarka li din hija l-ewwel sena li dan il-Kunsill irreġistra dan żbilanċ f'din il-leġislatura u għaldaqstant din is-sitwazzjoni hija ferm inkwitatanti.

L-Accountant tal-Kunsill spjega li dan l-iżbilanċ huwa minħabba li l-Kunsill kien qiegħed jonfoq iktar minn dak li kien qed idaħħal u sforz t'hekk kellhom jagħmlu tajjeb ir-riservi li kellu l-Kunsill f'kont ieħor.

Is-Sindku flimkien ma' l-Aġent SE infurmaw li dan l-iżbilanċ mhux dovut għal xi proġetti kapitali jew xi infiq ieħor imma huwa marbut biss ma' servizzi li l-Kunsill huwa obbligat li jofri kull xahar bħal ġbir ta' skart, knis, manutenzjoni tad-dawl ta' toroq u iktar.

L-Aġent SE infurmat li l-akbar spiża hija dik tal-manutenzjoni tad-dawl kif ukoll ta' ġbir ta' l-iskart minħabba li dan huwa kuntratt relativament ġdid b'rati iktar għolja.

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dawn l-estimi finanzjajri għas-sena 2022 jiġu approvati b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekondat.

Is-Sindku nforma li huwa flimkien mal-Aġent SE diġa' għamlu laqgħa mal-President ta' l-AKL, Sur Mario Fava kif ukoll mas- Sa. Claire Gerada mid-DLG dwar din il-materja.

Din il-laqgħa intemmet fil-17.15.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Aġent Segretraju Eżekuttiv